MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru 9/2010

Il-Kumitat iltaqa' fil-bini tal-Kunsill taż-Żebbuġ

Data: Nhar l-Erbgħa 2 ta' Frar 2011

Ħin: Fil-5:30pm

Preżenti għal-Laqgħa

Is-Sur Carmelo Saliba - Sindku

Is-Sinjura Maria Saliba- Chairperson

Is-Sur George Sacco - Membru

Is-Sur Carmelo Grima Aġent Segretarju Eżekuttiv

Is-Sur Joseph Zammit kien skużat billi dan jinsab imsiefer.

Ippresediet il-laqgħa iċ-Chairperson Maria Saliba.

**Talba**

Intqalet it-talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għal-laqgħa.

APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-Laqgħa Nru 8/2010

**KORREZZJONIJIET**

Intalbu xi korrezzjonijiet u dawn ġew korretti fil-minuti tal-laqgħa preċedenti.

**PUNTI MIL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

Is-Sur Emanuel Debono ġibed l-attenzjoni għal minuti fejn hemm li lamp-post tiġi spostjata minħabba li xi sajjieda qed ikollhom tfixkil biex itellgħu d-dgħajjes tas-sajd tagħhom. Il-Kumitat għandu javviċina lis-sajjied in kwistjoni u naraw x'inhu jitlob u jekk hu possibli nilqgħu t-talba tiegħu. Il-Kumitat qabel unanimament ma' din it-talba.

Is-Sur George Sacco talab biex fil-minuti jiġi ċċarat li l-Kunsill tax-Xagħra ser iħallas il-Banda Victory għall-attivita ta' San Pawl f'Marsalforn. Is-Segretarju assigura lis-Sur Sacco li l-Kunsill taż-Żebbuġ ser iħallas il-Banda Santa Marija u l-Kunsill tax-Xagħra ser iħallas il-Banda Victory.

**KORRISPONDENZA**

Kopja ta' ittra minn Transport Malta fejn infurmawna li l-applikazzjoni ta' Mary Dolores Abela ma ngħatatx Servizz tar-Reserved Parking fi Triq Volcano Marsalforn. Din tista' tappella.

Ilment mingħand Charles Attard Triq il-Qbajjar fejn talab li titranġa r-rampa għal garage (bieb ma' bieb mal-Ispiżerija). Din għandha ssir mill-ħaddiema tal-IPSL.

**XOGĦLIJIET PENDENTI**

Is-Segretarju kien mitlub li jelenka x-xogħlijiet pendenti proposti mill-Kumitat Amministrattiv ta' Marsalforn. Hu għalhekk fela l-minuti tal-Kumitat ta' Marsalforn u għamel kopja tagħhom u tqassmet lil kull membru fil-laqgħa. Il-Membri ikkummentaw kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt;

| | |
|---|---|
| Jitranġa l-arloġġ li hemm fit-terminus biex dan jaqra l- | Irid jiġi ċċekkjat għaliex kien |

| | |
|---|---|
| ħin sew u li miegħu għandhom jimxu x-xufiera tax-xarabanks, għandu jaħdem ukoll matul ix-xhur tax-xitwa. | hemm membri li qalu għadu l-istess u oħrajn qalu li tranġa. |
| Li titwaħħal mill-ġdid it-tabella tal-ħinijiet tat-tluq tax-xarabanks ħdejn il-*bus shelter* fejn tqiegħed issa biex din ma tostakolax l-entratura għal ġewwa l-*bus shelter*. | Ma saritx. |
| Li xarabanks li jidħlu fil-Menqa bil-viżitaturi għall-istabbilimenti ta' hemmhekk jitħallew joħorġu minn fejn qabel kien hemm l-APS. Titqiegħed tabella apposta biex tindika din il-possibbilita' lill-karozzi li jkunu deħlin il-Menqa, kif ukoll mera li turi jekk ikun hemm xi xarabank ħierġa. | Ma saritx. |
| Xarabank tas-7.30a.m. għandha tagħmel id-dawra tal-Qbajjar speċjalment fix-xitwa biex it-tfal tal-iskola jinġabru aktar qrib lejn id-dar. | Saret. |
| Hemm bżonn li ssir dawra ma' Marsalforn kollu biex id-*double yellow lines* ikunu kif meħtieġ. Dwar din il-proposta, is-Sindku qal iddaħħlux il-mentalita' meta diġa hemm liġi li tirregolarizza. | Ma saritx. |
| Jitwaħħal STOP sign fit-tarf ta' Triq tan-Naħla. | Saret. |
| Isiru arranġamenti meħtieġa biex trakkijiet li jagħtu servizz ġewwa Triq Għar Qawqla ma jkunux kostretti joħorġu b' lura sa ħdejn il-knisja. | Ma saritx. |
| Jiġi stabbilit Speed Limit kif tindika Transport Malta ġewwa Marsalforn u jitqegħdu tabelli apposta u li jsir *monitoring* b' **mod effettiv** għall-abbużi. | Ma saritx. Is-Segretarju għandu jikteb lil Transport Malta. |
| Triq il-Qbajjar issir One Way bid-direzzjoni tkun lejn Marsalforn | Ma saritx. |
| It-tabella NO ENTRY li hemm mal-kantuniera ta' 'Il-Forno' u l-oħra ta' quddiemha huma kontradittorji u qed joħolqu inċertezza fost is-sewwieqa. Filli għandek it-tabella NO ENTRY u taħtha hemm l-eċċezzjoni 'Except for Access' (bil-Malti ħlief biex tidħol). Jew No Entry jew tista' tidħol. | Saret. |
| Vannijiet tan-negozju jiġu pprojbiti li jipparkjaw b' mod li jingumbraw il-faċċata tal-ħanut IVY fi Triq il-Port kantuniera ma' Triq ir-Rabat. | Dan hu każ ta' infurzar tal-Liġijiet u ma nistgħux nindaħlu. |
| Li fi Pjazza San Pawl fl-inħawi tal-'Bo Jangles' fejn jingħaqdu flimkien Triq l-Isqof Pace, Triq Għar Qawqla u Triq ix-Xagħra titpinġa r*oundabout* ma' l-art bħal ma | Ma saritx . |

| | |
|---|---|
| hemm fejn is-Salib tat-Tiġrija ġewwa r-Rabat. Għandhom ukoll isiru tabelli ta' priorita' mal-kantuniera u sinjali oħra ma' l-art biex jiggwidaw il-karozzi għal fuq il-linja tagħhom. | |
| Dik il-parti ta' Triq il-Wied quddiem Jessica's Delight tingħalaq għat-traffiku mal-bqija tat-toroq l-oħra. | Ma saritx. Is-Segretarju għandu jikteb lil Transport Malta. |
| Li jkun hemm limiti għas-sewqan ta' 15-il Kilometru fis-siegħa għal Marsalforn. | Ma saraitx. |
| Li jsiru konki lis-siġar tal-bruk fil-promenade. | Il-konki saru iżda s-siġar ma tħawlux. |
| Dust Bins. Is-Segretarju rrisponda li t-Tender ngħatat u dawn għandhom jiġi fil-futur qarib. | |
| Bankini mkissrin. Issir spezzjoni biex jiġi stabbilit fejn hemm bankini mkissrin. | |
| Patching fi Triq is-Sajjied. | Is-Segretarju għandu jkellem lil Louis Portelli |
| Titranġa bankina tal-Knisja. | Ingħad mill-membri li din qed titranġa mill-Ministeru għal Għawdex |
| Laqgħat mal-aġenzija tal-Wardens dwar 'nfurzar żejjed' mill-Gwardjani Lokali f'Marsalforn. | Is-Sindku rrimarka li bħalissa hemm l-Adjucation tal-Wardens u mhux il-mument għal laqgħa bħal din. |
| Li jinżebgħu l-Yellow Lines. | Is-Segretarju għandu jara li dawn isiru. |
| Żbir tas-siġar fil-Wied kollu. | Ma saritx. Għandna nisħqu għal azzjoni. |
| Spjegazzjoni għala l-Bus Shelters għadhom ma ġewx stallati. | Is-Segretarju għandu jkellem lill-Perit. |
| Bandieri. Is-Sindku għandu jara li jiġu provduti l-Bandieri li hemm bżonn. | Din saret. |
| Tappieri perikolużi. Issir spezzjoni biex jiġi stabbilit liema tappieri għandhom jitbiddlu. | Saru. |
| Dwal taz-Zuntier tal-Knisja. Biex jinbidlu l-bozoz | Saret. |

| | |
|---|---|
| maħruqa ta' quddiem il-Knisja. | |
| Parking Bays. Il-Kumitat qed jissuġġerixxi li dan ir-rapport jgħaddi għand il-perit. | |
| Parking ta' Censu Attard (Smugglers's Cave) Il-Kumitat iħoss li dan is-suġġeriment mhux ġustifikat. | |
| Hemm bżonn ta' *junction* li tgħaqqad il-*parking* ma' Triq ix-Xagħra biex eventwalment karozzi ħerġin mill-*parking* ma jgħaddux aktar minn Triq id-Duluri, Triq l-Isqof Pace u Triq il-Wied minn quddiem l-Electra. Sakemm titwettaq din il-proposta karozzi mill-*parking* sejrin ir-Rabat jiġu ndirizzati dritt fi Triq ir-Rabat minn Triq Lapsi. Dan biex jonqsu l-karozzi minn fost in-nies jippassiġġaw quddiem l-Electra fil-ħin ta' filgħaxija. | |
| Bankini Gholjin (diversi) | Is-Sindku qal li l-priorita hija kisi bit-tarmak ta' toroq. |
| Stop Sign fi Triq il-Qbajjar. | |
| Cement mal-art tat-Triq tan-Nahla. | |
| Bozza Triq Sta Marija | Is-Sindku qal li gejja sistema gdida ta' dwal. |
| Tabelli misruqa fi Triq Ghajn Mhelhel. | |
| Tabella ma' tal-Mielha Court fi Triq is-Sajjied. | |
| Konok miksura u vojta u jithawlu sigar jew shrubs. | |
| Tabella 'Keep Clear' magenb il-Latrina Pubblika. | Saret. |
| Talba ghal Laqgha mal-Ministru ghal Ghawdex. | |
| Site visit ghal double yellow lines faccata ta' San Nikola Flats fi Triq Lifurna. | |
| Tabelli ta' Direzzjoni li jindikaw l-area tas-Salini u l-Bajja ta' Wied l-Ghasri. | |
| Proposta ghal Area Plan ghal Marsalforn Sign Board. | |
| Road Markings fi Triq il-Mungbell faccata ta' Triq ir-Rabat. | |
| Patching fi Triq Manwel Magro u Triq il-Qbajjar. | |

| | |
|---|---|
| Kiosk fil-Promenade (stima). | |
| Bus Shelter f'tarf Triq Sta Marija. | |
| Tappieri ghal 2 inspections miftuha fi Triq il-Qbajjar. | Saret waħda biss. |
| Qaghda ta' ilma. Triq il-Wied kantuniera ma' Triq il-Mungbell. | |
| Jinqalghu il-bankijiet tal-promenade ta' quddiem il-blokki minhabba l-maltemp. | Dawn inqalghu. |
| Tiswija ta' bankina quddiem Gangu flats Triq tan-Nahla. | Din saret. |
| Twahhil ta' Shade ghal lampa quddiem residenza fi Triq il-Forn. | Tranġat. |
| Jinbdew proceduri biex tinqala' sigra tal-palm u titwahhal f'post iehor. | Dan ix-xoghol sar. |
| Litter Bins f'Marsalforn. | L-offerta nghatat. |
| Thawwil ta' sigar fil-wied ta' Marsalforn. | |
| Safety carpet taht il-bandli etc. | Ma sarx. |
| Tahwil ta' fjuri fis-Central Strip Triq il-Qbajjar. | Is-Segretarju għandu jikteb lill-Agrikultura. |
| Tappieri miksura Triq il-Qbajjar. | Dawn trangaw. |
| Parking Bays riservati fl-inhawi tal-ispizerija. | Din ma kienx hemm qbil fuqha. |
| Maqbad li minn Triq il-port jghaddi fi Triq il-Knisja. | Il-Kumitat qal li dan mhux prattikabbli. |

**MATERJI OĦRA**

George Sacco semma diversi proposti dwar Directional Signs. Is-Segretarju għandu jipprovdi pjanta ta' Marsalforn u l-Kumitat wara li jistudjaha jagħmel il-proposti.

Emanuel Debono talab biex il-bankini mkissrin, għoljin, jiżolqu u fejn m'hemmx bankini nieħdu ħsiebhom. Qal ukoll biex jiġu ordnati qsari bil-fjuri. Għal din l-osservazzjoni intqal li din hi inprattikabbli.

Il-Kumitat osserva li hemm bozza maħruqa fi Triq Għar Qawqla (mal-ħajt) fit-tarf fejn idawru l-karrozzi.

Iċ-Chairperson qalet biex isiru tabelli li juru "biex Klieb ma jħammġux". Il-Kumitat osserva li kulħadd jaf li hemm liġi dwar dan.

George Sacco issuġġerixxa li l-Kumitat għandu jagħti l-appoġġ għall-proposta tas-Segretarju Parlamentari Chris Said biex titħaffer mina bejn Malta u Għawdex. Din il-proposta għaddiet unanimament.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:00pm

Carmelo Grima (Seg. Ezek.)    Maria Saliba (Chairperson)